23 ta' Jannar, 1953

Imħallef :
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Paolo Busuttil *versus* Rosina Abela et.

**Azzjoni Rivendikatorja — Pussess — Titolu — Preskrizzjoni — Art. 2216 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-konvenut f'azzjoni rivendikatorja ma jiddefendix ruħu bil-pussess, imma billi jinvoka favur tiegħu titolu fuq il-ħaġa rivendikata, isir impellenti għall-Qorti li teżamina t-titolu pretiż mill-konvenut. U jekk il-konvenut ma jirnexxilux jipprova t-titolu minnu allegat, u jibqa' sokkombent f'din il-prova, huwa prekluż milli jinvoka favur tiegħu l-pussess.*

*Meta tiġi eċċepita preskrizzjoni mingħajr ma tiġi speċifikata, il-Qorti ma tistax teżamina dik l-eċċezzjoni, u ma tistax tissupplixxi għan-nuqqas tal-parti li teċċepiha.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuti xi sentejn ilu, abużivament, bnew kamra fil-bitħa tal-fond nru. 12, Triq Marsaskala, Żejtun, li jappartjeni lill-istanti, u li, interpellati b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Jannar 1951 biex ineħħu dan il-bini u jpoġġu kollox kif kien qabel, lanqas biss ma rrispondew; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenuti jiġu kundannati, fi żmien qasir u perentorju li tipprefiġġilhom il-Qorti, ineħħu l-bini li għamlu u jpoġġu kollox fl-istat ta' qabel; u jekk jgħaddi ż-żmien inutilment, ikun awtorizzat l-attur illi jagħmel ix-xogħol għas-spejjeż tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali, kontra l-konvenuti li għandhom jidhru għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha ssot-

tomettew li x-xogħol u l-bini li għamlu jinsab fil-proprjetà tagħhom, u mhux f'dik ta' l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, li ċjoè huma l-proprjetarji tal-kamra fejn sar ix-xogħol in kwistjoni;

Illi b'dina l-eċċezzjoni l-konvenuti mhumiex jiddefendu ruħhom bil-pussess ("possideo quia possideo"), iżda qegħdin jinvokaw favur tagħhom it-titolu tal-proprjetà naxxenti mill-kuntratti fol. 8, 41 u 46. Għalhekk isir impellenti għall-Qorti li teżamina dawk it-titoli; anzi, skond l-insenjament ta' Aristide *Granito*, "*allorchè il convenuto, eccependo la proprietà* della cosa, che l'attore vuol rivendicare, opponga un suo titolo di proprietà a quello del rivendicante, occorre, prima di esaminare il titolo di quest'ultimo, vedere se quello prodotto escluda il titolo dell'attore" (Digesto Italiano, Rivendicazione (azione di), § 65). Dana l-eżami huwa indispensabili, għaliex jekk *il-konvenuti ma jirnexxux fil-prova tat-titolu*, huma jibqgħu sokkombenti u jkunu preklużi milli jinvokaw favur tagħhom il-pussess, in forza tal-prinċipju "melium est non habere titolum quam habere vitiosum" (Kollez. VIII, 267, u XXXII—I—735);

Illi fil-kuntratt publikat minn Nutar Lorenzo Cassar fit-12 ta' Marzu 1899 (fol. 8 u 41), *il-fond tal-konvenuti jinsab* deskritt bħala jmiss "da tramontana............."; għal liema kuntratt saret espressa riferenza fl-att publikat min-Nutar Dr. Giuseppe Sammut fit-12 ta' Awissu 1945 (fol. 46), li bih il-konvenuta xtrat il-porzjonijiet ta' l-istess fond;

Illi minn dina d-deskrizzjoni jidher li l-bitħa fejn tinsab il-kamra in kwistjoni.............;

Illi dana jwassal għall-konklużjoni li dik il-kamra eżistenti fil-bitħa hija inkontestabilment ta' l-attur, u tifforma parti mill-fond tiegħu; b'dana però li l-konvenuti għandhom id-dritt li jidħlu f'dik il-kamra biex jieħdu l-ilma tal-bir, li għalih ma jistgħux jidħlu minn band'oħra;

Illi, anki li kien hemm xi dubju dwar il-proprjetà ta' dik il-kamra, peress li din tinsab fil-bitħa ta' l-attur, l-interpretazzjoni għandha tkun aktar favorevoli lejn l-attur, bħala dak li

"certat de damno vitando" (Troplong, Prescrizione, § 273);

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita preskrizzjoni;

Illi dina tirriżulta biss mill-verbal fol. 36, fejn jingħad testwalment li "il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontra t-talba ta' l-attur"; mingħajr ma ġiet speċifikata ebda partikulari preskrizzjoni. Il-Qorti, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, ma tistax teżamina din l-eċċezzjoni, kif ma tistax tissupplixxi għan-nuqqas tal-parti li teċċepiha, mingħajr ma tmur kontra d-dispożizzjoni ta' l-art. 2216 tal-Kodiċi Ċivili, kif kostantement interpetat mill-Qrati Tagħna (Kollez. XXX—III—477, u XXXII—I—481);

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif opposta mill-konvenut;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, u tipprefiġġi lill-konvenuti xahar żmien biex jerġgħu jqiegħdu l-kamra deskritta fiċ-ċitazzjoni fl-istat li kienet qabel ma għamlu x-xogħol; u jekk jonqsu, tilqa' t-tieni talba, u tawtorizza lill-attur li jagħmel hu x-xogħol meħtieġ a spejjeż tal-konvenuti, taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.Ċ. Oscar Rizzo, li qiegħed jiġi għal dan l-iskop nominat, anki jekk ġà għandu żewġ perizji, peress li n-numru ta' periti simili hu limitat;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenuti.